# IL-WARDA TAR RUŻARJU

*Ta'* V. Barbara

IL-KAMRA l-kbira kienet imdawla mill-isbaħ. Mad-dawra kollha tagħha, xi ħamsin fanal tal-karta minn kull lewn, b'bozza ċkejkna tal-batteriji ġo kull wieħed minnhom, kienu jixħtu dawl artab fuq il-geġwiġija ta' karti msallbin mas-saqaf, fuq iż-żewġ imwejjed tawwalin minsuba fi truf il-kamra, fuq l-uċuħ ferħana ta' żgħażagħ u kbar li kienu miġburin madwarhom. Kont taħsbu l-Milied.

Dak in-nhar ta' l-ewwel Ħadd ta' Ottubru lil Rosie ħabtulha tliet festi f'daqqa: il-festa t'isimha għall-Madonna tar-Rużarju, dik ta' għeluq it-tmintax-il sena tagħha, u l-oħra, l-aqwa waħda għaliha, tal-għerusija tagħha ma' Lou. Ommha kienet ilha xi ġimgħa taħseb u tħejji biex tagħmel festa kif imiss lil bintha l-kbira. Il-jum ta' qabel, Lou u Bertu, ħu Rosie, kienu tħabtu bis-sħiħ biex iżejnu l-kamra bid-dwal u l-karti, u meta filgħaxija, għajjenin bit-tqandil tas-slielem, xegħlu kullimkien biex jaraw x'dehra kellha tieħu l-kamra l-għada wara nofs in-nhar, tbissima hienja dehret fuq xofftejhom u marru jieħdu b'id xulxin biex bħallikieku wieħed jifraħ lill-ieħor għax-xogħol li kien għamel.

Kienet tassew festa li tixraq lil tfajla ta' qalbha tad-deheb bħalma kienet Rosie. Il-ferħ tagħha kien jidher f'għajnejha kbar u suwed, fit-tbissima ta' xofftejha lewn il-qrolla, fil-kliem ħelu li kien joħroġ minn fommha hija u tilqa' lill-mistednin. Ħadd minnhom ma kien naqasha, għax Rosie kienet tabilħaqq maħbuba. Bil-qiegħda fir-ras ta' waħda mill-imwejjed, mistura f'libsa bajda u twila sa wiċċ riġlejha, imdawra bi sħabha li bi ftehim bejniethom kienu ġew ilkoll libsin roża, kont taħsibha xi anġlu fuq sħaba fi nżul ix-xemx. Minflok ġiżirana tad-deheb kellha f'għonqha l-kuruna tar-Rużarju msensla bil-fidda, biż-żibeġ talmadriperla u s-salib tad-deheb li kien taha Lou fil-għodu; u mehmuża mal-labra ta' fuq sidirha kellha waħda mill-ward li tbierek fil-quddiesa l-kbira ta' dak in-nhar fil-knisja tad-Dumnikani.

Kienu ilhom aktar minn siegħa miġbura madwar l-imwejjed tat-te; il-ħlewwiet li kien hemm tista' tgħid kollha kienu għosfru fost iċ-ċajt u d-daħk hieni tal-mistednin kollha, l-aktar iż-żgħażagħ. Min kien faħħar iċ-ċurkett tad-djamanti li Lou ta lil

Rosie ftit qabel fiċ-ċerimonja tal-għerusija, min kien wera l-għoġba tiegħu għall-kuruna sabiħa li kellha f'għonqha l-għarusa, oħrajn kienu jgħidu xi ħrejjef jew xi ħaġa li għaddiet minn għalihom fil-ġrajja ta' mħabbithom; saħansitra Eddie, it-tfajjel li qabel kienet tħares lejh Rosie u wieħed mill-ħbieb ta' Lou, ma naqasx li jsemma' leħnu b'xi ħlieqa minn tiegħu. F'daqqa waħda Lou, li kien f'ras il-mejda maġenb Rosie, għemeż b'għajnu l-leminija lil Bertu li kien in-naħa l-oħra ta' oħtu, u dan, fil-waqt li ċapċap waħda idejh u qam isikket lil kulħadd, qal:

"Milli jidher ser toqogħdu tintilfu fil-kliem u ċ-ċajt, u nsejtu li għad baqa' l-aqwa ċajta".

"Il-kejk tal-birthday!" qabżu jgħidu ħafna f'daqqa.

"Min se jixgħelhom ix-xemgħat?"

"Dawk għalija," wieġeb Lou, fil-waqt li ħareġ il-lighter tas-sigarretti u beda jixgħel it-tmintax-il xemgħa ta' fuq il-kejk.

"U jien ngħammad għajnejn il-għarusa l-ġdida," qal Eddie, li kien ġà qam minn postu biex ħadd ma jeħodlu dan il-ġieħ.

Il-kbar l-oħrajn, li ma setgħux igħidu aktar li huma żgħażagħ u li kienu marru ntasbu madwar il-mejda l-oħra fit-tarf l-ieħor tal-kamra, kienu laħqu qamu u daru mal-mejda taż-żgħażagħ. Kulħadd qam bil-wieqfa, ifaqqa' xi daħka jew jagħmel il-qalb lill-għarusa biex titfi x-xemgħat kollha. Eddie kien ġà rabat għajneju Rosie, xħin Lou qagħad wieqaf u qal:

"Tista' titfi, Bert".

Bertu resaq u mess is-switch, u f'dik il-kamra ma baqax dawl ieħor għajr dak tax-xama' u ta' erba' fanali tal-karta lewn iċ-ċirasa fl-erba' rkejjen tal-kamra. Is-skiet li waqa' ma kontx tistennieh f'laqgħa hekk ferreħija. Rosie, b'għajnejha mgħottija bil-maktur abjad ta' Eddie, b'idejha miftuħa fuq il-mejda, kien fiha dehra sabiħa. Xofftejha mbexxqin fi tbissima kienu juru s-snien indaqs u bojod tagħha. Id-djamanti tal-labra li kellha fuq sidirha u taċ-ċurkett tal-għerusija f'idha x-xellugija kienu jilmaw f'dak id-dawl merħi aktar minn qtar tan-nida fl-ewwel bewsa tax-xemx ta' fil-għodu. Is-sura kollha tagħha kienet turik li kellha qalbha mqanqla għal dik il-wirja sabiħa ta' qima u mħabba tal-mistednin.

Kulħadd kien qiegħed jistenna lil Rosie tniżżel rasha u tonfoħ nifs qawwi fuq ix-xemgħat tal-kejk. Iżda qabel dan ix-xbejba riedet tgħid xi ħaġa.

"Nixtieq nizzikom ħajr," qabdet tgħid, "għall-imħabba kbira li kull wieħed minnkom urieni l-lejla. Nagħtikom kelma li nibqa' nafħulkom. U b'tifkira ta' din il-laqgħa hienja, ħalluni ngħidilkom storja qasira ħafna. Intom tafu li l-anġli wkoll igħiduh ir-Rużarju? Mhux għax jeħtieġu t-talb, għax huma ma humiex midinbin bħalna, iżda biex ipattu għan-nuqqasijiet tagħna meta aħna nkunu għidnieh ħażin, mingħajr ħsieb u bit-tixrid tal-moħħ. U tafu kif igħiduh? Għal fil-għaxija, meta jkun qabad iroxx id-dlam, l-anġli bl-istrumenti tagħhom f'idejhom, itiru għal fuq il-kwiekeb u wara li jdoqqu xi tifħir lill-Madonna, jieqfu ftit biex jitħassbu fuq il-misteru tal-posta li jkunu se jgħidu, imbagħad fuq il-vjolini, l-arpi u l-istrumenti l-oħra jibda jinstama' d-daqq flimkien mal-għana ħlejju tas-Slimiet u l-Qaddisiet li l-anġli ikantaw b'qima u ġabra li ma bħalhom. Meta jispiċċaw posta, kull anġlu jibdel postu u jmur fuq kewkba oħra, u xħin ikunu għaddejjin ħfief minn quddiem il-kwiekeb, igħattulna għal nitfa ħin dawk id-dwal għoljin tas-sema, ħekk li minn hawn isfel aħna nilmħu l-kwiekeb jintfew u jixegħlu bit-teptip ħelu tagħhom. Fil-għodu mbagħad maż-żerniq igħannu s-Sliem għalik Sultana, u billi jkun wasal dawl ieħor aqwa biex jiftaħ jum ieħor għall-ħolqien, kull anġlu jrewwaħ ġwenħajh fuq il-kewkba fejn ikun u jitfiha u jerġa' għall-ġenna. Jien m'għandix ġwenħajn biex nitfi dawn ix-xemgħat, imma nixtieq li n-nifs tiegħi jitfihom kollha, ħalli d-dawl ta' dawn l-ilsna ċkejknin tan-nar iħalli mkienu għad-dawl tal-jum li beda jżernaq għalija, dawl li nittama u nagħti kelma li jkun akbar u isbaħ, għal Alla, għal niesi, u għal......"

L-aħħar kelma lissnuha l-mistednin kollha f'daqqa fost iċ-ċapċip ta' l-idejn, u Rosie fissritha billi b'idha l-leminija fittxet dik ta' Lou u għafsithielu bil-ħlewwa. Imbagħad intilwiet ftit, u b'nifs twil tfiet ix-xemgħat kollha. F'daqqa waħda l-kamra reġgħet imtliet bid-dawl, Rosie kixfet għajnejha, qasmet u qassmet il-kejk, u kulħadd xorob bis-saħħa tal-għarajjes.

Wara li damu xi ftit ieħor jifirħu b'xulxin, il-mistednin bdew jaħsbu biex imorru. Ma hemmx għalfejn ingħidu, l-aħħar wieħed li ħareġ kien Lou. Ħaddan lill-maħbuba tiegħu bejn dirgħajh, u qabel telaq qalilha :

"Rose, togħgobni din il-warda li għandek fuq sidrek; il-warda hija dejjem għelm ta' l-imħabba, hux tassew? Mela nix-

tieqek issaqqiha tajjeb biex tibqa' dejjem ħamra u ma tidbiel qatt''.

''Din il-warda'', wieġbet Rosie, ''sa għada tidbiel żgur, imma dak li trid tfisser biha int ma jidbiel qatt. U nagħtik kelma li, b'rahan ta' din il-ħaġa, b'tifkira tal-lum, nibqa' nżomm dejjem il-weraq ta' dil-warda saħansitra meta jidbielu''.

Meta fil-għaxija, għajjiena wara laqgħa bħal dik, Rosie kienet qed tneħħi l-libsa ta' fuqha biex tidħol tistrieħ, hija ħasset xi ħaġa aktarx iebsa tħokk ma' għonqha; issoktat tinża' u dik ix-xi ħaġa waqgħet fl-art : kienet biċċa karta mitnija. Refgħetha, fetħitha, u qrat : ''Naħlef li nagħmel ħilti kollha biex ma tkun qatt ta' Lou!'' L-imsejkna xbejba baqgħet tħares lejn il-karta, miblugħa. Min sata' xeħethielha wara għonqha? Bil-fors li xi ħadd mill-mistednin, għax wara li libset għall-festa ma kinetx ħarġet barra. Dawret bil-mod il-karta, u għajnejha marru fuq waħda mir-rkejjen tagħha. F'daqqa waħda ndunat; ġiebet quddiem għajnejha kull ma kien għadda minn għaliha f'dik il-lejla, l-aktar xħin kienet se titfi x-xemgħat tal-kejk, u ħasset fawra ta' demm tielgħa għal wiċċha. Mela għalhekk... ! Reġgħet twiet il-karta, tefgħetha taħt l-imħadda, imteddet u sahret il-lejl kollu bil-ħsieb ta' kull ma kellha tagħmel il-għada.

Eddie ma setax jissokta jiċħad. Meta Rosie wrietu biċċa mill-address ta' l-uffiċċju ta' missieru f'waħda mir-rkejjen tal-karta li hu bil-fixla ma laħaqx qatta' tajjeb, meta fissritlu kif hu biss seta' jkun il-ħati għax kien huwa li ġie jorbtilha l-maktur wara għonqha. Eddie ra li nkixef.

''Le'', qalilha mdagħdagħ, ''lil Lou ma teħdux, qatt! Għalkemm il-Madonna tar-Rużarju, kif tgħid int, ħelsitek mill-imħabba tiegħi li inti sejjaħtilha mhix xierqa, għalkemm għandi bosta tfajliet oħra li togħġobhom din l-imħabba li int ħrabt minnha, jiena qatt ma nista' nistabar li lilek narak ta' ħaddieħor. U nagħmel ħilti kollha biex infixkel. Imqar lejlet it-tieg tiegħek, jiena nagħmel mistoqsija lil Lou, li anqas int ma għandek ħila tagħti tweġiba għaliha. F'widnejn Lou nfesfes dan il-kliem : Taf int min huma missierha u ommha?''

Rosie ħarġet minn għand Eddie mħawda għall-aħħar. Xi ħsieb kellu f'rasu meta għamlilha dik il-mistoqsija? Meta filgħaxija s-sinjura Karm semgħetha tolfoq weħidha fis-skiet stagħġbet jekk lil bintha kinetx ġratilha xi ħaġa li f'daqqa waħda tellfitilha l-hena kollu tagħha. Il-qalb ta' l-omm donnha teħber, u

għalkemm bintha tennitilha li ma kellha xejn għajr uġigħ ta' ras qawwi, is-sinjura Karm ma qagħdetx bi kwietha qabel ma Rosie tniehdet tnehida u qaltilha:

"Staqsewni, mà, jekk nafx min huma missieri u ommi".

Kieku dak il-ħin faqqgħet sajjetta fil-kamra, is-sinjura Karm ma kinetx tinħasad daqskemm inħasdet għal dawk il-kelmiet ta' bintha.

"Mhux tassew," għajtet, "kif jafuha l-istorja tiegħek? Le, le, ma hemmx stejjer x'wieħed ikun jaf! Min qallek qala' kollox minn żniedu".

Rosie kienet taf li Eddie ma kien ħarrfilha ebda storja; u għalhekk il-kliem maqtugħ t'ommha aktar beda jħawwadha u jħassibha ħażin. Ix-xbejha kien jilħqilha wisq, u wara li damet ħafna ddur mal-lewża biex tieħu minn ras ommha, is-sinjura Karm spiċċat biex qaltilha kollox. Bi kliem maqtugħ u b'għajnejha mżellġin bid-dmugħ, qaltilha li darba żewġha kien ħadha għal fiera f'xatt il-baħar. Fit-telfa tal-logħob kienu ħallew għal xi ħames minuti t-tifla li sew sew kellha tliet xhur, weħidha fil-pram; ma kinetx erba' passi 'l bogħod minnhom, madankollu meta reġgħu lura la sabu t-tifla u lanqas il-pram. Wara ħafna tfittxija l-pram kien instab il-baħar, imma tat-tifla ma wasal ebda aħbar. Kienet il-mimmi ta' għajnejn missierha, u dan wara li dam sena jnin b'qalbu maqsuma għat-telfa tagħha, mar ifittixha d-dinja l-oħra. Xahrejn wara twieled Bertu, li mill-ewwel wera kemm kellu jkun tifel marradi; meta dan kellu ma' dwar sentejn u nofs, is-snjura Karm kienet ħaditu f'belt barra minn Malta biex turih lil xi tabib imsemmi. Jum wieħed, hija u għaddejja b'binha fuq dirgħajha, iltaqgħet ma' xi għoxrin tfajla mexjin tnejn tnejn b'soru warajhom. Kienu libsin kollha bħal xulxin. Is-sinjura Karm indunat li kienu tfal iltiema jew mitluqin li kienu qed jiġu mrobbija mis-sorijiet. Iżda l-aktar li laqtuha kienu l-ewwel tnejn: żewġ tfajliet ħelwin, waħda ta' xi ħames snin, l-oħra ma kellhiex aktar minn erbgħa. Iċ-ċkejkna hekk saħħritha bi ġmielha lis-sinjura Karm, li din baqgħet sejra warajhom, u meta dawn daħlu fid-dejr tagħhom, talbet lis-superjura biex lit-tifla teħodha ħalli tkompli trabbiha hi. Talbet xi tagħrif fuqha, iżda s-superjura weġbitha li kienu tawha l-isem ta' Rena Artusi, u li kienet tifla b'saħħitha u moħħa tajjeb, millbqija kien ġibhielhom wieħed qassis xwejjaħ meta kien għad għandha xi tliet xhur, li kien qalilhom li ma sata' jgħidilhom

xejn fuqha. Wara li sar il-ftehim meħtieġ, is-sinjura Karm reġgħet lejn Malta b'bintha l-ġdida, tatha l-isem ta' Rosie għal bintha l-oħra u kunjom żewġha Abela, u biex kollox jibqa' mostur fettxet li mill-aktar fis iġġorr minn tas-Sliema għar-Rabat.

"Dik it-tifla kont int, Rose, ruħi, u int tista' tixhed kif jien dejjem ħabbejtek bħallikieku kont binti tabilħaqq. Dan kollu żammejtulek moħbi biex ma rregħxekx, imma issa xi għafrit..."

Is-sinjura Karm infexxet f'bikja u fe'qet lejn kamritha. Rosie ma setgħetx temmen lilha nfisha: baqgħet tħares lejn is-saqaf qisha maħruġa barra minnha nfisha. Wara ftit ħadet f'idejha l-kuruna ta' Lou, niżlet għarkobbtejha, għaddset rasha fuq is-sodda, u bdiet tgħid bil-mod, bil-mod, ir-Rużarju. Imbagħad qamet bħal waħda li qatgħet x'għandha tagħmel, ħasset ruħha aktar fis-sliem, imteddet, tfiet u raqdet.

Imma l-għada sebħet qisha ras maqtugħa, u aktar ma beda joqrob il-ħin li fih is-soltu kien jiġi Lou, aktar kienet tħoss ruħha mħawda, u dlonk kienet tħarrek xofftejha f'talba. Fil-ħarsa li tagħtu fil-għaxija malli ġie, Lou minnufih intebaħ li xi ħaġa kienet inqalgħet. Rosie ħaditu fil-kamra tal-gallarija, u b'wiċċha fawra nar bil-mistħija, tennietlu l-istorja kollha. Imbagħad qaltlu: "Tista' taħseb, għażiż, kemm jien imnikkta. Jiena tfajla msejkna li qatt ma kellha missier u omm, u b'din it-tebgħa fuq ismi ma jista' qatt ikun li jien insir martek". U kif kienet qed tgħidlu hekk, neħħiet minn subgħajha ċ-ċurkett tal-għerusija u bil-ħlewwa kollha qegħdithulu f'qiegħ idu. Lou tbikkem u ħass rasu ddur bih. Mingħajr ma kien jaf, xeħet iċ-ċurkett fil-but tal-ġlekk u qam bil-mod biex imur. Qabel ma niżel it-taraġ ġietu l-ħila li jitlob lil Rosie biex għallinqas tagħtih il-warda, issa midbiela, li kellha fuq sidirha l-Ħadd ta' qabel, iżda dik il-warda għal Rosie kienet qaddisa daqs imħabbitha, u ma tathilux. Għalhekk baqa' nieżel. Rosie marret fil-gallarija tħares għal barra, ratu taħtha ħiereġ mill-bieb, ratu qiegħed jaqsam it-triq bħal wieħed fis-sakra, imbagħad f'daqqa waħda għajtet għajta kbira u waqgħet għal daharha fl-art.

Lou ma semagħhiex dik il-għajta, kif lanqas ma sema' l-karrozza ġejja għal fuqu, ittajru u tixħtu minn tulu taħt il-bankina; qatt ma sar jaf li ftit wara kien qiegħed fuq is-sodda ta' Bertu, bid-demm ħiereġ minn imnieħru u minn widnejh. Hu baqa' mitluf, u meta l-għada wara nofs in-nhar ix-xofftejn ta' Rosie jaħarqu bid-deni qiegħdu l-aħħar bewsa mriegħda fuq xofftejh

koħol u kesħin, Lou kien jinsab fit-tebut, bil-kuruna msensla bil-fidda, biż-żibeġ tal-madriperla u bis-salib tad-deheb, imdawra ma' subgħajh.

Rosie ma kienet qalet xejn minn dak kollu li kien għaddа bejnha u bejn Lou; saħansitra kienet reġgħet libset iċ-ċurkett ta' l-egħrusija li ħadet mill-but ta' Lou biex tibqa' tgħaddi bħala għarusa tiegħu. Sabitha bi tqila wisq biex tagħmel dan, għax il-karattru qawwi tagħha ħassitu jġegħelha tkun sinċiera ma' Lou mejjet bħalma kienet ma' Lou ħaj. Għalhekk għamlet il-ħsieb li hekk jew hekk titkixxef fuq in-nisel tagħha, u għalkemm is-sinjura Karm qaltilha li kollox għalxejn, hija kellha tama qawwija li l-Madonna tar-Rużarju taqtegħlha xewqitha.

Erba' xhur wara l-mewt ta' Lou, Rosie, flimkien mas-sinjura Karm, kienet fil-belt ta' ċkunitha. Iżda qabel, huma niżlu Pompei u fil-ħemda ta' dak is-santwarju għażiż tar-Rużarju, taħt dik ix-xbieha tal-għaġeb imsemmija mad-dinja kollha, Rosie baqgħet għal żmien twil titlob. U qamet bil-wegħda ġo qalbha li jekk il-Madonna tagħtiha l-grazzja mixtieqa tgħaddi ħajjitha f'għaqda ta' sorijiet li jieħdu ħsieb it-tfal mitluqa.

Is-soru xwejħa li laqgħethom u daħħlithom bil-ħlewwa fl-uffiċċju tagħha.

''Jisgħobbija ħafna'', qaltilhom, li ma nistax nagħtikom it-tagħrif meħtieġ. Il-kotba li kellna ġew kollha meqruda bil-bombi. Imma stennew ftit; Rena Artusi għidtuli? Mhux isem ġdid għalija. Iva, issa qed niftakar, kienet l-aktar tfajla li ħabbejt f'għomri kollu għall-imġiba ħelwa tagħha. Ma kellix ingawdiha, għax is-superjuri kienu bagħtuni f'kunvent ieħor meta t-tifla kienet qed tikber ġmielha u tifhem it-tagħlim li bdejt nagħtiha. Meta ftit xhur wara reġgħu bagħtuni f'dan il-kunvent, lit-tifla ma sibthiex : qaluli li kienet ħaditha sinjura barranija biex trabbiha hi. Iżda jiena ma nsejtha qatt, għax qabel ma tlaqt minn hawn kont ħadtilha tifkira li għadni nġibha mdendla f'għonqi sal-lum''.

U kif qalet hekk, daħħlet idejha taħt l-iskapular, u reġgħet ħarġitha b'domna ċkejkna tad-deheb bejn subgħajha.

Is-sinjura Karm ħatfet minn id is-soru dik id-domna, rat fuqha x-xbieha tal-Madonna tar-Rużarju, dawritha, qrat l-inizjali ta' isem u kunjom bintha R.A. : Rosie Abela, lemħet il-barxa taħt sieq l-R li kien għamel żewġha meta għafas u żelaqlu t-temprin huwa u jonqox b'idejh stess l-inizjali ta' bintu fuq dik id-

domna, u f'tebqa ta' għajn intebħet b'kollox. F'telqa ta' mħabba qawwija, ġriet fuq Rosie, ħaddnitha ma' qalbha u għajtet :

"Binti, binti, sibtek fl-aħħar".

Rosie fehmet kollox, u mħaddna kif kienet m'ommha qalet kelma waħda biss :

"Mà !"

Il-għada li waslu Malta, Rosie kienet fuq il-qabar ta' Lou. Kienet tħoss qalbha ħafifa issa. Kif temmet it-talba tagħha, ħarġet minn ħobbha maktur, fetħitu, qiegħdet f'qiegħ idha dak li kien hemm fih, u ferrxitu fuq l-irħama li kienet tgħatti l-fdal tal-maħbub tagħha.

Kienu ftit werqat ta' warda midbiela.